# Il-Ħadd 24.10.2021

1. Illum 24/10, **Jum il-Missjoni *u Jum il-Griżma tal-Isqof***:
   - Infakkar li qed nagħmlu Lotterija u bejgħ ta’ pjanti fuq iz-zuntier tal-knisja, u l-offerta tal-quddies tkun bil-għan li nipprovdu għajnuna finanzjarja lill-Missjunarji biex iwettqu l-ħidmiet tagħhom ta’ karità.
     Infakkru wkoll li rċevejtu bil-posta envelops apposta.
     Tistgħu tibgħatu l-offerta tagħkom lill-Uffiċċju Missjunarju jew tgħadduha hawn jew lill-Kappillan, bħalma soltu nagħmlu.
   - Fl-10:30am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tal-Griżma.
     *Nifirħu lil dawk li ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof:*
     *7 subien u 10 bniet.*
     *Infakkar li jistgħu jattendu biss il-familja u xi qraba.*

2. Avviżi oħra:-
   - Mit-Tnejn 25/10 filgħaxija, u matul Novembru, ser jiftaħ il-booking tal-intenzjonijiet tal-Quddies għas-sena 2022 b’suffraġju għall-familjari, qraba, u ħbieb mejtin tagħkom. Min jixtieq jagħmel dan mitlub iħalli envelop b’ismu u kunjomu u *contact* (Mobile, telefon, jew email) fil-*letterbox* tal-Uffiċċju Parrokkjali, u ġo fih jara li jkun hemm il-lista bl-ismijiet tal-intenzjoni, bil-jum u l-ħin tal-quddiesa mitluba, flimkien mal-offerta tal-quddies. Imbagħad jiġi kkuntattjat mill-Kappillan biex jgħarrfu bid-dati u l-ħinijiet miktuba.
   - Ser tibda tinġabar ukoll il-kontribuzzjoni ta’ € 15 biex intaffu l-ispejjeż marbuta maċ-ċimiterju: l-iskip relatata mat-tindif tal-oqbra, il-konsum tal-ilma u l-elettriku, li jkopri s-sistema tal-Cameras tas-Sigurtà, u l-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra, u l-manutenzjoni ġenerali.
     *(Din is-sena ġie rranġat is-sett ta’ 6 gandlieri u s-salib tal-altar tal-kappella, grazzi għal xi benefatturi tħawlu xi xtili ġodda, u grazzi għall-Kunsill Lokali u l-Enemalta tlestiet il-manutenzjoni tal-fanali fuq barra tal-entratura taċ-ċimiterju. Napprezzaw kull għajnuna biex inkomplu nieħdu ħsieb dan il-post għażiż. Grazzi tal-ġenerożità u l-koperazzjoni tagħkom.)*

3. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 125 bħala ġabra li saret il-Ħadd li għadda;
   - € 100 bħala donazzjonijiet b’risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta’ restawr;
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-*Sanitizing Points,* **illum jgħoddu bħala ġabra speċjali b’risq il-Missjonijiet.** Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.